

# Artisti li Ħadmu l-Pittura fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien

minn Charles Magro

## Ġann Nikol Buhagiar (1698-1752)

Ġann Nikol Buhagiar ħadem fi żmien meta kellu jikkompeti mal-pittur Francesco Żahra. It-tnejn kienu ħbieb, u t-tnejn ħadmu fuq u tejbu l-arti ta' Alessio Erardi.

Buhagiar twieled fl-arti, għax jingħad li missieru, barra milli kien naġġâr u skultur fil-ġebla ta' ħila kbira, kien ukoll pittur.

Twieled Ħaż-Żebbuġ. Kellu ħuh, Simone, li sar reliġjuż. Minħabba x-xogħol, missier Ġann Nikol mar joqgħod il-Belt Valletta u hemm ibnu seta' jiżviluppa l-arti tiegħu aħjar. Ġann Nikol miet il-Belt Valletta meta kellu 53 sena. Ġie midfun fil-knisja tal-Karmnu tal-Belt.

Ħafna jitħawdu meta jiġu biex jattribwixxu x-xogħol artistiku ta' Francesco Żahra u ta' Buhagiar, għax kienu jixxiebhu ħafna. Infatti xi xogħol li kien attribwit lil Buhagiar, fil-fatt kien ta' Zahra, li kien dik id-daqsxejn iktar irfinat u delikat fl-istil.

Fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, Ġann Nicola Buhagiar għandu x-xogħol li juri "Is-Sagra Familja bil-Missier Etern", u dan qiegħed fuq wieħed mill-altari tal-ġnub.

## Antoine de Favray (1706-1798)

Antoine de Favray twieled ħdejn Pariġi, fi Franza, fit-8 ta' Settembru 1706. Għex Malta bejn l-1744 u l-1798. F'dawn is-snin ma hediex jaħdem għall-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. L-Ordni mbagħad onoratu billi ħatritu Kavallier.

Fl-1738 kien mar Ruma, fejn kien ġa magħruf għat-*tableaux historiques* (kwadri storiċi) tiegħu. Hemm ħatruh Direttur tal-Akademja Franċiża (*Acadèmie de France*). Din il-ħatra għenitu jgħix f'kuntatt mal-aħjar familji tal-Ewropa, li membri ta' wħud minnhom kienu Malta bħala Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Kien b'dan il-mod li de Favray sar jaf b'Malta, u bil-possibbiltà li jiġi jaħdem hawn.

Ġie Malta fl-1744, u beda jpinġi għall-Gran Mastru Pinto u għall-familji sinjuri. Sadattant, kien jaħdem ukoll mal-Ordni fis-servizz mal-morda fis-*Sacra Infermeria*. Dan ix-xogħol għenu ħafna biex josserva sewwa u jitgħallem fuq l-anatomija u l-muskolatura tal-ġisem uman. Il-fama tiegħu ta' artist tajjeb bdiet tikber ma' kull kummissjoni.

Meta l-Ordni rnexxielu jaqbad is-'Sultana', l-akbar xini tas-Sultan Tork, il-fantasija ta' de Favray fuq l-Orjent xegħlet, u qala' l-permes mingħand l-Ordni biex jakkumpanja lil dan ix-xini sa Istanbul, meta ngħata lura lis-Sultan Tork. F'Istanbul Favray qatta' disa' snin.

Meta reġa' ġie Malta kulħadd feraħ, għax kien meqjum ħafna. Meta Emmanuel de Rohan sar Gran Mastru, il-karriera ta' de Favray kompliet tikber. Fl-1793 il-Kunsill tal-Ordni ta' San Ġwann ħatru Almonier tal-isptar.

Minkejja dan ix-xogħol u l-unuri kollha li ngħata de Favray baqa' jaħdem u jpinġi sakem miet, fid-9 ta' Frar 1798.

Fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien Antoine de Favray ħalla biċċa xogħol sabiħa fuq wieħed mill-altari tal-ġnub. Din il-pittura turi l-Verġni tar-Rużarju.

## Rocco Buhagiar (1725-1805)

Wara Francesco Żahra, dan kien il-pittur Malti l-aktar popolari. Tgħallem ma' Enrico Regnaud, u ma damx ma ssuperah. Aktarx li mar ukoll jistudja l-pittura Ruma.

Buhagiar kien meqjum ħafna mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u l-Kavallieri tal-Lingwa ta' Kastilja kkummissjonawh biex jissuperviżjona d-dekorazzjonijiet li saru mill-ġdid fil-knisja ta' San Ġakbu, Valletta.

Rocco Buhagiar miet Bormla, u hu midfun fil-kunvent tal-knisja ta' Santa Tereża, fl-istess belt tal-Kottonera.

Ix-xogħol ta' Rocco Buhagiar fil-knisja ta' Ħal Tarxien qiegħed f'wieħed mill-altari tal-ġnub. Għandu wkoll xi kwadri mill-*Via Sagra.*

## Giuseppe Calì (1846-1930)



Twieled il-Belt Valletta, u kien bin l-arti. Missieru, Raffaele, kien pittur u mużiċista; ommu kienet *mezzo-soprano.* Ta' 17-il sena Giuseppe mar jistudja fl-*Accademia di Belle Arti*, ta' Napli.

L-ewwel żewġ xogħlijiet tiegħu kienu "Il-Mewt ta' Dragut" (1867), li llum qiegħed fil-Mużew tal-Arti, Valletta; u "San Ġirolmu" (1881), li qiegħed fil-knisja tas-*Sacro Cuor*, Tas-Sliema.

Calì kellu talent kbir, u malajr sar magħruf ħafna. Ħadem kemm dekorazzjonijiet fi djar privati, kif ukoll għadd kbir ta' veduti u ritratti ta' personalitajiet Maltin.

Ħadem ukoll diversi suġġetti reliġjużi f'għadd ta' knejjes. Skond il-Kav. Rafael Bonnici Calì, li kien jiġi minnu, Giuseppe pinġa xejn inqas minn 621 biċċa xogħol matul ħajtu.

Ix-xogħlijiet ta' Giuseppe Calì fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien huma: (i) "L-Inkurunazzjoni tal-Verġni", li tinsab fl-*apside*; (ii) il-kwadri laterali "L-Adorazzjoni tal-Maġi" u "Il-Ħarba lejn l-Eġittu", li qegħdin fil-kor; (iii) l-erba' lunetti bl-Evanġelisti, li jinsabu taħt il-koppla; (iv) "Id-Duluri", "San Franġisk de Paule" u "San Vinċenz Ferreri", li jinsabu fuq altari tal-ġnub differenti.

## Ġanni Vella (1885-1977)

Twieled Bormla. Kien għadu tifel meta kien ikun ikkummissjonat biex ipinġi pittura u dekorazzjonijiet oħrajn għall-festa tal-Immakulta Kunċizzjoni, li ssir fl-istess belt.

Bħala apprendista ħadem mal-artist Taljan Attilio Palombi, fuq ħafna affreski fi knejjes diversi. Imbagħad daħal jgħallem it-tpinġija fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Iżda kompla jistudja l-arti fil-*British Academy* u fl-*Accademia di Belle Arti*, fl-1907.

Meta kien Ruma tella' ħafna wirjiet b'xogħlijietu, u ħafna mix-xogħolijiet tiegħu kienu ppremjati.

Fl-1912 Vella reġa' ġie Malta u fetaħ *studio* fil-Belt Valletta. Għamel 50 sena jpinġi, kważi f'kull Parroċċa f'Malta u f'Għawdex. Kien ipinġi biż-żejt, bil-*water colours*, bil-*pastels*, u b'mezzi oħra.

Fl-1976 il-Kunsill tas-Soċjetà Maltija tal-Arti, Manifattura u Kummerċ onorah bil-Midalja tad-Deheb, b'għarfien għall-attività artistika tiegħu.

Fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien Ġanni Vella pinġa x-xogħol bit-tema "Marija Reġina", li jinsab fil-koppla u episodji mill-ħajja tal-Madonna, li bihom żejjen is-saqaf indurat tal-korsija.

## Raphael Bonnici Calì (1907-2002)



Raphael hu ċittadin ta' Ħal Tarxien; twieled u għex ħajtu kollha f'dan ir-raħal antik. L-artist Giuseppe Calì kien iz-ziju t'ommu. Raphael ukoll wera inklinazzjoni tajba għat-tpinġija minn meta kien għadu żgħir.

Mar jitgħallem fl-iSkola tal-Arti, u mbagħad studja r-restawr Ruma. Siena u Torino. F'Malta beda jaħdem bħala artist fl-1932. Iżda ftit wara beda jirrestawra pitturi antiki, għalkemm baqa' jpinġi wkoll. L-i*studio* tiegħu kien f'Ħal Tarxien, iżda mbagħad ittrasferixxih għall-belt Valletta, fejn il-fama tiegħu kibret, kemm bħala restawratur, kif ukoll bħala pittur.

Fis-snin '60 Bonnici Calì sar Għalliem tal-Arti fl-iskejjel tal-Gvern; u fl-1962 inħatar Għalliem tal-iStorja tal-Arti fl-iSkola tal-Arti. Ma kienx ipinġi biss, iżda kiteb ukoll ħafna dwar l-arti.

Fl-1954 ġie maħtur Kavallier tal-Ordni Sovran u Militari ta' San Ġwann; u fl-1982 is-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ onoratu bil-Midalja tad-Deheb. Fost onoreficenzi oħrajn, il-Kav. Raphael Bonnici Calì ngħata l-Premju '*Città di Valletta*' mill-Għaqda Poeti Maltin.

Fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien Raphael Bonnici Calì ħalla l-pittura bit-temi "Marija Reġina" u "Marija, Omm il-Knisja", li hemm fl-arzelli tal-kappelluni u f'dik li hemm fuq l-orgni.

## Paul Camilleri Cauchi (1940 - )

Paul Camilleri Cauchi hu iben il-famuż statwarju Wistin. Twieled f'Victoria, Għawdex, fit-2 ta' Diċembru 1940.

Ma setax jonqos li Paul jiret il-ħila fl-arti minn missieru. Ta' età żgħira kiseb Diploma mill-*Press Art School* ta' Londra, u oħra mill-Università 'Pietro Vannucci' ta' Perugia. Meta kien l-Italja ħa sehem b'suċċess f'diversi Wirjiet.

Ġie lura Malta u sar Għalliem tal-Arti fl-iSkejjel Primarji u Sekondarji. Iżda rriżenja fl-1973 għax tant kellu kummissjonijiet għall-pittura minn knejjes li ma setax ilaħħaq max-xogħol.

Camilleri Cauchi kompla jesebixxi x-xogħol tiegħu hawn Malta u wkoll barra. Fl-1964 ħa sehem fil-Wirja tal-Arti li saret f'Tokyo, il-Ġappun, b'rabta mal-Logħob Olimpiku. Għandu xogħlijiet tiegħu l-Amerika, il-Brażil, il-Kanada, l-Awstralja, l-Indja, u f'xi pajjiżi Ewropej. Fl-1990, meta Papa Ġwanni Pawlu II ġie Malta, l-Awtoritajiet Maltin irregalawlu pittura ta' Paul Camilleri Cauchi.

Fl-1968 Paul ġie onorat bħala Uffiċjal tal-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.

Fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien Paul Camilleri Cauchi ħadem fuq il-Kappella tas-Sagrament u f'dik tal-Kunċizzjoni, b'temi rilevanti: is-Sagrament tal-Ewkaristija u l-Madonna.

**Bibliografija:**


Jos. A. Farrugia: TRIQAT ĦAL TARXIEN; Pubblikazzjoni Kunsill Lokali Ħal Tarxien, 2007; Stampat fil-*Union Print Co. Ltd.*, Marsa.

Vincent Battistino: ĦAL TARXIEN; Pubblikazzjoni tal-Awtur, 1993; Mitbugħ għand *Printwell Ltd.*, Fgura.

Mario Buhagiar: *THE ICONOGRAPHY OF THE MALTESE ISLANDS, 1400-1900*; Pubblikazzjoni *Progress Press Co. Ltd.*, 1998; Stampat fil-*Litonova* ta' *Scanzorosciate*, l-Italja.

Kittieba diversi: IL-KNEJJES PARROKKJALI TA' MALTA U L-FESTI TAGĦHOM, Vol.III; Pubblikazzjoni Indipendenza, 1994; Stampat fl-iStamperija Indipendenza, Pietà.


*Għal aktar informazzjoni dwar Pietro Gagliardi ara paġni 63 u 65.*